# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 15 ta' Dicembru 2015**

**Numru**

**Citazzjoni Numru 238/1997 JRM**

**Charles Grech u Brian Galea**

**v.**

**Paul Azzopardi**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni li l-atturi pprezentaw fit-3 ta' Frar, 1997 u li jaqra hekk:

> "Premess illi fit-22 ta' Settembru 1996 fil-post maghruf bhala l-Ponta tal-Wahx fil-limiti tal-Mellieha l-atturi kienu nvoluti f'operazzjonita' salvatagg ta' opra tal-bahar bl-isem ta' "Ray Jay" ta' kulur abjad bin-numru ta' registrazzjoni PTF 4256;
>
> "Premess illi din l-operazzjoni kienet principalment tikkonsisti filli din l-opra, bi tbatija kbira tittella' minn qiegh il-bahar fejn kienet gherqet xi jiem qabel jew ftit taz-zmien qabel;
>
> Premess illi biex setghu jesplitaw din l-operazzjoni l-atturi rrikorrew ghas-servizzi ta' terzi u di piu` anke huma ghad iridu

jithallsu ghas-servizzi li pprestaw biex din l-opra setghet tigi salvata;

"Premess illi fil-kors tqa' dan is-salvatagg irrizulta li din l-opra tal-bahar kienet tal-konvenut u pprezenta ruhu bhala s-sid tal-istess, tant li anke hallas lil xi persuni li ntervjenew bis-servizzi taghhom f'dan is-salvatagg;

Premess illi meta l-atturi talbu sabiex anke huma jithallsu ghas-servizzi li rrendew, il-konvenut qabel li ghandu jsir dan il-hlas, pero` baqa' ma hallasx;

"Premess illi meta nterpellat biex jghaddi ghal dan il-hlas b'ittra bonarja tat-3 ta' Ottubru 1996, il-konvenut baqa' inadempjenti;

"Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

"1. tiddikjara li l-atturi huma intitolati ghall-hlas ghas-servizzi li rrendew f'din l-operazzjoni ta' salvatagg u servizzi ohra relatati mal-istess operazzjoni;

"2. tillikwida l-ammont ta' hlas dovut lill-atturi in linea ta' kumpens okkorrendo b'opera ta' periti nominandi;

"3. u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma hekk likwidata, bl-imghaxijiet legali mill-prezenti sal-pagament effettiv fuq is-somma likwidata.

"Bl-ispejjez u bil-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa illi:

"1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li mhux minnu li l-atturi kienu involuti f'operazzjoni ta' salvatagg izda kif stqarrew huma stess hadu l-opra tal-bahar numru tar-registrazzjoni PTF 4256 bl-iskop li jaghmluha taghhom.

"2. Illi l-atturi minflok ma iformaw lill-konvenut bhala sid id-dghajsa, abbuzivament tellghu d-dghajsa de quo minn qiegh il-bahar bil-hsieb li jappioprawha u kien biss accidentalment li l-konvenut sar jaf dwar l-agir tal-atturi.

"3. Illi kagun tal-agir abbuziv u negligenti tal-atturi l-opra tal-bahar de quo garrbet hsarat konsiderevoli dwar liema hemm kawza pendenti fl-ismijiet inversi u ghalhekk huwa opportun li din l-Onorabbli Qorti tordna l-konnessjoni tal-kawzi bejn dik il-kawza odjerna.

"Salvi eccezzjonijiet ohra."

Rat li din il-kawza instemghet flimkien mal-kawza fl-ismijiet inversi (citazzjoni numru 1003/97) deciza fis-7 ta' Lulju, 2011;

Rat is-sentenza f'din il-kawza deciza wkoll fis-7 ta' Lulju, 2011 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili li in forza taghha l-kawza giet deciza billi:

"**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-atturi wettqu servizz ta' salvataġġ għall-ġid tal-imħarrek meta tellgħu l-kajjikk tiegħu "*Gay Ray*" (reġistrat PTF426) minn qiegħ il-baħar fl-inħawi tal-Majjiesa, limiti tal-Mellieħa u ġibduh lejn ir-ramla ta' Għajn Tuffieħa biex jittella' l-art f'Settembru tal-1996, għal liema xogħol jistħoqqilhom jingħataw kumpens mill-imħarrek sid l-istess kajjikk;

"**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tillikwida l-kumpens dovut lill-atturi għas-serviġi li huma wettqu fis-somma ta' elfejn euro (€ 2,000) bejniethom;

"**Tilqa' t-tielet talba** u tikkundanna lill-imħarrek iħallas lill-atturi s-somma ta' € 2,000 hekk likwidata, bl-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mil-lum sal-jum tal-ħlas effettiv;

"**Bl-ispejjeż tal-kawża** jitħallsu mill-imħarrek."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet

"Illi din hija azzjoni għall-ħlas ta' kumpens minħabba salvataġġ ta' opra tal-baħar. L-atturi jgħidu li huma tellgħu kajjikk minn qiegħ il-baħar fejn kienu sabuh u ġibduh lejn bajja biex itellgħuh l-art. Il-kajjikk huwa ġid tal-imħarrek u jgħidu li jistħoqqilhom jitħallsu kumpens għas-servizz li tawh biex ġabuhulu lura lejn l-art;

"Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrek laqa' billi qal li ma kienx minnu li l-atturi salvawlu l-opra tal-baħar, iżda riedu joħduha għalihom u li

kieku ma kienx għall-fatt li hu sar jaf b'kumbinazzjoni, kienu jibqgħu sejrin biha. Għalhekk jisħaq li l-atturi ma jistħoqqilhom l-ebda kumpens. Minbarra dan, jixlihom li b'għamilhom ikkawżaw ħsara lill-kajjikk u dwar dan fetħihom kawża għad-danni, li huwa talab li tinstema' flimkien ma' din. Din l-aħħar eċċezzjoni ntlaqgħet u ż-żewġ kawżi nstemgħu flimkien;

"Illi l-Qorti tirrileva li minħabba li l-atti ta' din il-kawża mxew flimkien ma' l-atti ta' kawża oħra f'ismijiet maqluba[1], xi xhieda li tgħodd għal din il-kawża jinsabu fl-atti ta' dik il-kawża. F'dik il-kawża l-oħra, l-imħarrek u martu talbu li l-Qorti ssib lill-imħarrkin responsabbli għall-ħsarat li ġarrab il-kajjikk meta ġarrewh mill-post fejn sabuh mgħarraq u kaxkruh lejn band'oħra biex itellgħuh l-art;

"Illi l-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża juru li l-imħarrek huwa s-sid tal-kajjikk tal-għamla *Perla 16* li kien iġib l-isem ta' "*Gay Ray*", li kien reġistrat mal-awtoritajiet kompetenti Maltin bħala PTF (MFC) 426. L-opra kienet inbniet f'Malta fl-1990 u hija magħmula mill-*glassfibre*. Il-kajjikk kien mgħammar b'kabina fuq quddiem u kellu makna tal-għamla *BMC 1.5* f'nofs il-qafas tagħha. Minbarra dan, kellha wkoll makna awżiljarja fis-sura ta' *out-board motor* tal-għamla *Suzuki DT 50* ta' saħħa ta' *50 h.p.*[2];

"Illi l-imħarrek kien jinqeda bil-kajjikk biex joħroġ jistad u għad-divertiment, għalkemm ix-xogħol ewlieni tiegħu kien li jgħallem is-sewqan tal-karozzi. Il-kajjikk kien jitniżżel il-baħar fis-sajf u jitħalla rmiġġat fil-bajja tal-Ġnejna, limiti tal-Imġarr, Malta;

"Illi f'xi żmien bejn il-15 u t-22 ta' Settembru, 1996, il-kajjik inħall miċ-ċima tal-irmiġġ. L-imħarrek għamel rapport fl-Għassa tal-Pulizija tal-Mosta dwar in-nuqqas tal-kajjikk fit-22 ta' Settembru, meta niżel il-Ġnejna biex joħroġ ibaħħar u ma sabx il-kajjikk tiegħu marbut mal-irmiġġ tas-soltu. Sar rapport ukoll lill-awtoritajiet portwali biex ifittxu l-opra tal-baħar. L-għada, Grezzju Vella, li jiġi missier l-għarusa tal-attur Galea sar jaf li kien hemm id-dgħajsa f'qiegħ il-baħar fl-inħawi tal-Mejjiesa, fil-limiti tal-Mellieħa u għarraf biha lill-istess atturi[3];

"Illi l-atturi niżlu jarawha dak il-ħin u qatgħuha li jippruvaw itellgħuha. L-atturi rabtu "landa tal-gallun" magħha biex ikunu jafu fejn hi u biex ma tagħtix fil-għajn, sakemm isibu l-għajnuna biex itellgħu l-kajjikk fil-wiċċ u jiġbduh band'oħra. Matul il-lejl, l-attur Grech mar qagħad għassa qrib il-post fejn kien mgharraq il-kajjik, wara li kien tela' l-Għassa tar-Rabat u kellem lis-Surġent – Francis Camilleri – u staqsih jekk il-kajjikk li sab setax iżommu hu[4]. Huwa jgħid li s-surġent tkellem mal-ispettur fl-Għassa li serraħlu moħħu li ladarba l-opra kienet inġarret mill-kurrent u għerqet, min isibha jsir sidha;

[1] Ċitazz. Nru. 1003/97JRM maqtugħa llum ukoll
[2] Dok "A", f'paġ. 6 tal-atti tal-kawża 1003/97JRM
[3] Xhieda tiegħu 23.6.2003, f'paġ. 57 tal-proċess
[4] Xhieda tiegħu 6.6.2000, f'paġġ. 30 – 1 tal-proċess

"Illi l-għada, l-atturi reġgħu ippruvaw itellgħu d-dghajsa minn qiegħ il-baħar. Biex għamlu hekk, talbu l-għajnuna ta' ħabib tagħhom, wieħed Charles Azzopardi, li mar magħhom fuq il-post b'*cabin cruiser* ta' qawwa biex itellgħu l-kajjikk mill-qiegħ. Magħhom ħadu bughaddas, wieħed Raymond Galea, li ġab miegħu tagħmir li jtella' l-opri tal-baħar f'wiċċ l-ilma ("*lifting bags*"). Wara xi taħbit, seħħilhom itellgħu l-kajjikk fil-wiċċ u rmonkawh lejn il-bajja ta' Għajn Tuffieħa;

"Illi malli waslu f'dik il-bajja, ġibdu l-kajjikk kemm setgħu 'l ġewwa lejn ix-xtajta, iżda l-kajjikk f'waqt minnhom inkalja ġor-ramel. Għalkemm l-atturi kienu ħadu ħsieb iġibu tagħmir biex jiġbed il-kajikk lejn l-art u jgħabbuh fuq *trailer*, twaqqfu milli jkomplu jagħmlu dan mill-Pulizija li, sadattant, kienu niżlu sal-bajja fil-kumpannija tal-imħarrek. L-atturi twaqqfu mill-Pulizija milli jkomplu jtellgħu l-kajjikk sal-art minħabba li dak il-ħin kien ħin li jinżlu jgħumu n-nies u wkoll minħabba li nqalgħet kwestjoni bejn l-atturi u l-imħarrek li xlihom li ma messhomx messew il-kajjikk u li ma ridhomx joħduh taħt idejhom;

"Illi dak il-ħin, l-atturi talbu l-kumpens, u l-imħarrek qalilhom li ried jara l-affarijiet tiegħu;

"Illi, sadattant, meta l-kajjikk ittella' l-art aktar tard dak inhar wara nofsinhar, deher li kien ġarrab ħsarat. L-imħarrek ġabru u ħadu d-dar u l-partijiet baqgħu ma waslux fi qbil dwar il-kumpens mitlub mill-atturi;

"Illi l-kawża nfetħet fi Frar tal-1997;

"Illi f'Marzu tal-1997[5], l-imħarrek ġab *surveyor* biex jistma l-ħsara li kien fih il-kajjikk u li sa dak iż-żmien kien qed iżommu fil-miftuħ quddiem id-dar tiegħu. Dan l-istħarriġ sar fid-dar tal-imħarrek fejn kien tqiegħed il-kajjikk;

"Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> marbutin mal-każ tal-lum, il-Qorti trid tqis qabel kull ħaġa oħra l-aspetti marbuta mal-għamil tal-atturi. Huma jisħqu li l-imħarrek irid iħallashom kumpens talli salvawlu l-kajjikk u għat-taħbit li kellhom jgħaddu minnu biex tellgħuh minn qiegħ il-baħar u ġibduhulu lejn l-art. L-atturi jibnu l-azzjoni tagħhom fuq il-jedd ta' kumpens għal salvataġġ;

"Illi s-salvataġġ ta' opra tal-baħar huwa dak is-servizz volontarju li bih persuna tħabrek biex tgħin jew tħares mill-periklu opra bħal dik, liema servizz ma jkunx imnissel minn xi rabta kuntrattwali maħluqa minn qabel ma jseħħ l-episodju jew minn xi dmir uffiċjali dovut lil sid

[5] Dok "A", f'paġġ. 5 – 7 tal-atti tal-kawża 1003/97JRM

l-opra, u lanqas ma jkun servizz maħsub biex il-persuna li tkun tatu tinħeles minn xi periklu għaliha nnifisha;

"Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum hemm iċ-ċirkostanza partikolari li l-kajjikk tal-imħarrek instab wara li kien diġa' mgħarraq. F'każ bħal dan, il-liġi tgħid x'imissu jsir f'ċirkostanza bħal din. Kemm hu hekk, l-artikolu 332 tal-Att tal-1973 dwar il-Bastimenti Merkantili[6] jipprovdi li "*Meta xi persuna ssib jew tieħu l-pussess ta' xi fdal ta' bastiment nawfragat fil-limiti ta' Malta ... hi għandha: (a) jekk tkun is-sid tiegħu, tagħti avviż lir-receiver of wreck li tkun sabitu jew ħadet pussess tiegħu, u tiddeskrivi l-marki li bih ikun jista' jingħaraf; (b) jekk ma tkunx sidu, kemm jista' jkun malajr, tikkonsenjah lir-receiver of wreck; u jekk xi persuna tonqos, mingħajr raġuni xierqa, li tħares dan l-artikolu hi tista' teħel għal kull reat multa ta' mhux iżjed minn mitejn unit u għandha, b'żieda, titlef kull dritt għal salvataġġ*". Bi "*fdal ta' bastiment nawfragat*" il-liġi tifhem ukoll "*fdal ta' bastiment mgħarraq li jkun f'qiegħ il-baħar*"[7];

"Illi fil-każ tal-lum, l-atturi, li ngħataw tagħrif biex sabu l-kajjikk, ma kinux sidien tiegħu. Il-liġi kienet tistenna mingħandhom li din is-sejba jgħarrfu biha lil dik il-persuna uffiċjali. Fil-każ tal-lum dan ma sarx. Li kieku ma kienx għall-fatt partikolari li sejjer jissemma aktar 'il quddiem, l-atturi mhux biss setgħu qiegħdu lilhom infushom fir-riskju li jitressqu mixlija b'reat, iżda wkoll li jitilfu l-jedd li jippretendu ħlas tas-salvataġġ;

"Illi l-għaref difensur tal-imħarrek, waqt it-trattazzjoni tiegħu tal-għeluq, issottometta li l-azzjoni tal-attriċi tfalli sewwasew għaliex il-kajjikk tal-patroċinat tiegħu kien mgħarraq meta nstab mill-atturi u b'hekk, qal, jonqos element meħtieġ biex isejjes l-istess azzjoni attriċi. Huwa ma semma bl-ebda mod id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 332. Il-Qorti ma tistax tilqa' l-imsemmi argument, lanqas kieku kien mibni fuq nuqqas ta' ħarsien tal-imsemmi artikolu. Dan jingħad għaliex id-dritt li wieħed jitlob salvataġġ jeżisti wkoll fejn il-biċċa tal-baħar tkun għerqet[8]. Li kieku ma kienx hekk, ma kien jagħmel l-ebda sens li l-artikolu 332 jirreferi aktar għad-dritt ta' salvataġġ. Kemm hu hekk, huwa miżmum li jeżisti dritt ta' salvataġġ ukoll fejn bastiment ikun mgħarraq u jkun ta' ħsara jew periklu għan-navigazzjoni li tkun għaddejja mill-inħawi tan-nawfraġju jew fejn kinu hemm pretensjonijiet marbuta ma' xi polza ta' assikurazzjoni tal-bastiment mgħarraq. Fit-tieni lok, lanqas ma jidher li n-nuqqas tal-atturi li ma jikkonsenjawx il-kajjikk lir-*receiver of wreck* kien għal raġuni mhux xierqa. Dak il-ħin li l-atturi kienu qegħdin jiġbdu l-kajjikk fil-bajja ta' Għajn Tuffieħa sabu ma' wiċċhom lill-imħarrek u l-Pulizija li kienu qegħdin jistennewhom fuq ix-xatt. Minn dak il-ħin, ma tħallewx aktar iżommu l-opra tal-baħar u l-imħarrek irrivendikaha mill-ewwel tant li l-Pulizija bil-kelma t-tajba

[6] Kap 234
[7] Art. 330 tal-Kap 234
[8] Art. 343(1) tal-Kap 234

ikkonvinċew lill-atturi biex iħalluha għad-dispożizzjoni tal-imħarrek. Kemm hu hekk, minn dak il-ħin 'il quddiem, il-kliem kien dwar x'kumpens kien jistħoqqilhom għall-battikata li kienu ħadu (għalxejn) biex itellgħu l-kajjikk minn qiegħ il-baħar u jiġbduh lejn ir-ramla ħalli jtellgħuh l-art;

"Illi kif ingħad, l-azzjoni attriċi tinbena fuq id-dritt ta' salvataġġ u mhux fuq dak tas-sempliċi rmonk, liema għamil huwa mħares b'dispożizzjonijiet partikolari u meqjus bħala servizz differenti għas-salvataġġ għaliex jitqies bħala servizz ta' assistenza[9]. Minbarra dan, jingħarfu wkoll każijiet jew ċirkostanzi fejn, għalkemm it-tħabrik li jsir ma jkunx tassew salvataġġ fis-sens tekniku tal-kelma kif mifhuma, madankollu dak it-tħabrik jitqies bħala serviġi msejjes fuq il-kważi-kuntratt li jnissel il-jedd ta' kumpens fuq ir-regola ekwitattiva li *omnis labor optat proemium*[10];

"Illi l-artikolu 343(1) tal-Kapitolu 234 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid li "*Meta xi bastiment, Malti jew barrani, ikun innawfraga, inkalja jew f'periklu f'xi post fuq jew ħdejn ix-xtajtiet fil-ġurisdizzjoni territorjali ta' Malta u jingħataw servizzi minn xi persuna f'għajnuna lil dak il-bastiment jew fis-salvataġġ tal-merkanzija jew tal-apparat ta' dak il-bastiment jew xi parti minnhom, jew meta jingħataw xi servizzi minn xi persuna barra mir-receiver of wreck fis-salvataġġ ta' xi fdal ta' bastiment nawfragat, għandu jitħallas lil min jagħmel is-salvataġġ mis-sid tal-bastiment, tal-merkanzija, ta' l-apparat, jew tan-nawfraġju, ammont xieraq ta' salvataġġ skond l-ammont tal-proprjeta' salvata*". Il-liġi tgħid ukoll, iżda, li "*ma jkollu jitħallas ebda salvataġġ – (i) lil persuni li jkollhom dik ir-relazzjoni mal-bastiment li jingħata għajnuna jew li jiġi salvat hekk li jkun id-dmir tagħhom li jagħtu għajnuna barra milli skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, ħlief meta s-servizzi mogħtija jkunu ta' xorta eċċezzjonali; jew (ii) lil persuni li jagħtu għajnuna minkejja l-projbizzjoni espressa u xierqa tal-bastiment li lilu tingħata l-għajnuna*"[11];

"Illi fost l-elementi ewlenin li jnisslu l-jedd għall-ħlas tas-salvataġġ, wieħed irid juri li (a) ngħata servizz leċitu lil suġġett tas-salvataġġ. Dan jista' jkun il-bastiment innifsu, ħajjet in-nies abbord dak il-bastiment, il-merkanzija li jkun qed iġorr, it-tagħmir tal-istess bastiment, in-nol mikxuf għar-riskju jew xi *bunkers* abbord. Minbarra dan, (b) is-servizz mogħti jrid ikun wieħed volontarju, li (ċ) l-bastiment jew is-suġġett tas-salvataġġ ikun jinsab f'periklu, u (d) li s-servizz mogħti jkun wieħed ta' salvataġġ tassew u mhux xi servizz ieħor ta' għajnuna. Fl-aħħarnett (e) jeħtieġ li s-servizz ikun b'xi mod irnexxa. Dan tal-aħħar huwa magħruf fil-qasam bħala l-prinċipju ta' "*No cure no pay*" tant li l-kejl tal-kumpens mistħoqq jintrabat mal-valur tal-ġid salvat;

---

[9] P.A. GV **28.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Marine Services Ltd vs Captain Morgan Leisure Ltd et ("Charlotte Louise")*** (mhix appellata)
[10] P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Żaren Żerafa vs Tabib John Portelli*** (mhix appellata)
[11] Art. 433(b) tal-Kap 234

"Illi ma hemm l-ebda kwestjoni bejn il-partijiet li t-tħabrik tal-atturi sar fuq il-kajjikk tal-imħarrek li kien mgħarraq. Il-kajjikk huwa bastiment Malti u rreġistrat mal-awtoritajiet lokali. Mix-xhieda mogħtija u bl-ebda mod kontradetta[12] joħroġ ukoll li l-kajjikk kien mgħarraq wiċċu 'l fuq, jiġifieri mhux maqlub jew imġenneb, bil-kabina għadha f'postha u jistrieħ fuq qiegħ ta' baħar magħmul minn blat u ramel f'fond ta' madwar ħamsa u għoxrin metru (25m) ilma. Il-ħsieb tal-atturi kien sa mill-bidu dak li jtellgħu l-kajjikk fil-wiċċ tal-baħar. Ma hemm l-ebda dubju li l-ewwel element fuq imsemmi jirriżulta;

"Illi lanqas ma hemm l-iċken dubju li l-atturi taw it-tħabrik tagħhom minn jeddhom. Mhux talli ħadd ma ġagħalhom jidħlu għall-biċċa xogħol, talli joħroġ ċar li hekk kif saru jafu bil-kajjikk mgħarraq, daħlet fihom ħarqa li ma jitilfuhx minn taħt għajnejhom u lanqas iħallu 'l ħadd joħodulhom minn taħt idejhom. Kemm setgħu, żammew it-tagħrif mistur ukoll minn dawk li lilhom talbu l-għajnuna[13] u saħansitra mill-Pulizija[14]. L-imħarrek jinqeda b'dawn iċ-ċirkostanzi biex isejjes waħda mil-linji tad-difiża tiegħu għall-azzjoni tal-atturi. Huwa jgħid li l-atturi kellhom f'moħħhom li jaħfnu l-kajjikk taħt idejhom u jżommuh għalihom, u mhux għaliex tassew riedu jagħmlu servizz ta' salvataġġ. Kemm hu hekk, għamel enfasi qawwija fuq il-fatt li meta sabu l-kajjik mgħarraq, ma fittxewx li jieħdu n-numru tar-reġistrazzjoni tad-dgħajsa biex isiru jafu ta' min hi. Apparti mill-kwestjoni dwar jekk l-imħarrek seħħlux tabilħaqq jipprova dak li allega, l-mottiv jew ir-raġuni għaliex wieħed jagħmel att ta' salvataġġ qajla tista' tkun kunsiderazzjoni siewja f'azzjoni bħal din, ladarba jkun jidher ċar li min jagħmel dak ix-xogħol ikollu f'moħħu li jitħallas ta' dak li jagħmel jew li jsir is-sid tal-ħaġa misjuba. Il-kwestjoni tas-serq, ħabi b'qerq jew xi għamil qarrieq ieħor jista' jkollha xi rilevanza f'każijiet partikolari dwar jekk ikunx mistħoqq kumpens jew tnaqqis[15], iżda dawn iridu jkunu ppuruvati kif imiss fis-sedi xierqa u ma jirriżultawx biss fuq sempliċi allegazzjoni ta' xi parti fil-kawża. Ma jirriżultax lill-Qorti li ntwera li kienu l-atturi, jew xiħadd minnhom, li serqu l-kajikk mill-irmiġġ tiegħu. Lanqas ma jidher li l-operazzjoni ta' salvataġġ għamluha bil-ħabi (għalkemm għall-bidu kienu diskreti ħafna biex ma jiżvelawx fejn kienu sabu l-kajjikk mgħarraq), tant li wettqu l-operazzjoni fid-dawl tax-xemx u quddiem għajnejn in-nies. Għalhekk, it-tieni element jirriżulta wkoll;

"Illi dwar it-tielet element tal-periklu huwa miżmum li dan l-element ikun jeżisti bla ma jkun meħtieġ li l-periklu jkun wieħed assolut, għaliex huwa biżżejjed li jinħalaq stat ta' diffikulta' jew tħassib raġonevoli[16]. Min-naħa l-oħra, lanqas ma trid tkun biżgħa mistħajla jew li tkun remotament possibbli[17]. Hawn ukoll, l-għaref difensur tal-imħarrek ressaq is-sottomissjoni li dan l-element jinsab għal kollox

---

[12] Xhieda ta' Raymond Galea 22.10.2004, f'paġ. 115 tal-proċess
[13] Xhieda ta' Charles Azzopardi 29.7.2004 f'paġ. 90 tal-proċess
[14] Xhieda ta' Francis Camilleri 26.9.2003, f'paġ. 66 tal-proċess
[15] Ara art. 345(4) tal-Kap 234
[16] Kumm. **10.5.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech et noe vs Urrutia noe et*** (Kollez. Vol: **XXXIX.iii.863**)
[17] App. Kumm. **11.12.1979** fil-kawża fl-ismijiet ***George Attard vs Dierek Kuhn*** (mhix pubblikata)

nieqes fil-każ tal-lum għaliex il-kajjikk tal-patroċinat tiegħu ma kien qiegħed fl-ebda periklu aktar minħabba li kien mgħarraq. Il-Qorti lanqas tista' toqgħod fuq dan l-argument, għaliex il-periklu bħala element f'azzjoni ta' salvataġġ ma jirreferix biss biex jiskansa biċċa tal-baħar mill-għarqa iżda wkoll milli jġarrab ħsarat akbar jew tgħarrieq wara li jkun għereq jew inkalja. Jirriżulta li dak inhar li l-atturi sabu l-kajjikk mgħarraq il-baħar kien qawwi forza erbgħa jew ħamsa[18]. Hekk kompla jiqliel tul iż-żmien kollu li damet għaddejja l-operazzjoni wara li l-kajjikk ittella' f'wiċċ il-baħar u twassal fil-bajja ta' Għajn Tuffieħa. Dan il-baħar qalil baqa' għaż-żmien kollu sal-waqt li l-kajjikk ittella' l-art. Din iċ-ċirkostanza meteoroloġika ma setgħetx ma titqiesx bħala waħda ta' periklu għal min kien qiegħed isalva l-kajjikk. Kien hemm ukoll riskju kontinwu li l-irfid li tqiegħed mal-kajjikk merfugħ jinqata' bi ħsara u periklu għall-atturi, l-bugħaddas imqabbad minnhom u l-istess *cabin cruiser* li kienet qiegħda tirmonkah lejn Għajn Tuffieħa f'baħar b'imbatt qawwi[19]. Dan it-tielet element għalhekk jirriżulta ippruvat kif imiss;

"Illi mit-tifsira ta' dak li sar, joħroġ li s-servizz mogħti kien wieħed li jikkwalifika bħala servizz ta' salvataġġ. L-atturi u dawk minnhom imqabbdin, kellhom ħsieb wieħed u jiġifieri li jgħollu l-kajjikk fil-wiċċ u jwassluh lejn l-art. Ma setax jonqos li l-kajjikk ikollu diġa' ċerta ħsara, l-aktar minħabba l-fatt li kien ilu mgħarraq għal xi ħin (jekk mhux ukoll jiem) jitħabbat mal-qiegħ bil-qilla tal-baħar. Iżda l-proċess kollu kien maħsub li dak li seta' jkun salvat isalvawh u hekk jidher li sar. Minħabba li l-muturi tal-kajjikk lanqas kienu għadhom jaħdmu u kien hemm tiċrita fil-qafas tal-kejjikk, lanqas jista' jingħad li s-servizz mogħti kien wieħed ta' sempliċi rmonk, għaliex inżamm lejn wiċċ l-ilma bis-saħħa tal-*inflatable buoys* u nġibed bil-galbu sal-eqreb ramla fejn kien il-ħsieb li jittella' l-art. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, l-Qorti tasal għall-fehma li x-xogħol li sar mill-atturi (u dawk imqabbda minnhom) kien att ta' salvataġġ;

"Illi jifdal il-ħames u l-aħħar element. L-għaref difensur tal-imħarrek jgħid li l-operazzjoni magħmula mill-atturi ma kienet tal-ebda fejda għaliex il-kajjikk twassal sar-ramla mkisser u kollu ħsara. Qal li kien ikun aħjar li kieku l-atturi ma messew xejn u ma ntrigawx. Mill-provi mressqa minn dawk li kienu raw il-kajjikk sa minn x'ħin kien għadu taħt il-baħar sakemm twassal u nkalja fil-bajja ta' Għajn Tuffieħa, jidher li l-kajjikk ma kienx tqagħbar daqstant li ma kien sar l-ebda ġid fis-salvataġġ tiegħu. Huwa minnu li hemm xi nuqqas ta' qbil dwar kif kienet il-qagħda tal-kajjikk sakemm kien għadu mgħarraq u l-qagħda tiegħu sakemm twassal fir-ramla, iżda ma hemm l-ebda dubju li l-operazzjoni wasslet lill-kajjikk lura f'qagħda li tidher raġonevoli minkejja dak li kien għadda minnu. Il-Qorti tqis li l-imġiba nnifisha tal-imħarrek li, akkost ta' kollox, ried li l-kajjikk jieħdu minnufih turi li l-opra tal-baħar kienet għadha f'qagħda li kellha x'issalvalha. Mart l-imħarrek xehdet ukoll li kien hemm ħsara fil-

[18] Xhieda tal-imħarrek 2.2.2004, f'paġ. 76 tal-proċess
[19] Xhieda Charles Azzopardi 29.7.2004, f'paġġ. 92 – 3 tal-proċess

kajjikk, iżda dan kien fil-ħin meta dan ittella' mill-baħar xi sigħat wara li kienet intemmet l-operazzjoni ta' salvataġġ[20], filwaqt li l-bugħaddas Galea ċaħad li seta' jkun li l-kajjikk laqat il-qiegħ hu u jinġibed lejn Għajn Tuffieħa wara li ttella' f'wiċċ il-baħar[21]. Fin-nuqqas ta' xi provi oħra kuntrarji, l-Qorti tasal għall-fehma li dan l-element jirriżulta wkoll;

"Illi b'żieda ma' dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti tqis li mill-provi jirriżulta li l-imħarrek ħallas lill-bugħaddas imqabbad mill-atturi għax-xogħol li huwa għamel biex il-kajjikk inqala' minn qiegħ il-baħar u ttella' f'wiċċ l-ilma[22]. Minbarra dan, jidher li l-imħarrek innifsu kien aċċetta li jagħti kumpens lill-atturi, u dan sa minn dak il-ħin li l-kajjikk kien iddaħħal f'Għajn Tuffieħa tant li x'ħin intalab "għamilt il-kont fuq fuq"[23] u li meta l-Pulizija qallu li jrid jagħti kumpens lill-atturi, inħasad u tbellah iżda ma merihx "minħabba li hu pulizija u għedtlu iva"[24]. L-imħarrek kien talab ukoll lil Charles Azzopardi jgħidlu x'kien nefaq meta uża l-*cabin cruiser* tiegħu biex ġibed il-kajjikk lejn Għajn Tuffieħa u saħansitra wegħdu li jħallsu[25];

"Illi għall-Qorti dawn iċ-ċirkostanzi ta' mġiba u ta' fatt, miżjuda mar-riżultanzi ta' dritt, ifissru li tassew kien hemm servizz ta' salvataġġ mogħti mill-atturi u li dan is-servizz jistħoqqlu ħlas;

"Illi għalhekk, il-Qorti sejra tilqa' l-ewwel talba attriċi billi ssib li tirriżulta ippruvata kif imiss;

"Illi għal dak li jirrigwarda **l-likwidazzjoni tal-kumpens dovut lill-atturi**, il-liġi tgħid li fejn jibqa' ma jintlaħaqx qbil bejn il-partijiet interessati, dan irid ikun iffissat minn din il-Qorti[26]. Huwa stabilit li, minħabba li fil-figura tas-salvataġġ hemm element qawwi ta' serviġi, l-kumpens mistħoqq imur lil hinn mis-sempliċi ħlas tax-xogħol imwettaq[27]. Tali kumpens, meħudin b'qies iċ-ċirkostanzi kollha[28], ikun wieħed imfisser bħala "*large and liberal*"[29] fejn tassew jirriżultaw l-elementi kollha tal-jedd tas-salvataġġ. Minbarra dan, dak il-kumpens ikun dovut ukoll fejn ma jkunx intalab (sakemm ma kienx espressament projbit) u ż-żmien rilevanti biex wieħed iqis jekk jeżistix tali kważi-kuntratt huwa l-ħin li jinqala' l-għawġ lill-bastiment jew ikun għaddej minn dak l-għawġ[30] ;

"Illi l-liġi nnifisha tagħti ħjiel mandatorju tal-kriterji li l-Qorti għandha tqis biex tasal għal-likwidazzjoni xierqa tal-kumpens mistħoqq. L-

[20] Xhieda ta' Margaret Azzopardi 10.3.2004, f'paġ. 82 tal-proċess
[21] Xhieda tiegħu 22.10.2004, f'paġ. 124 tal-proċess
[22] *Ibid.* u xhieda tal-imħarrek 2.2.2004, f'paġġ. 120 u 77 tal-proċess
[23] Xhieda tiegħu 16.12.2003, f'paġġ. 71 – 2 tal-proċess
[24] *Ibid.* f'paġ. 77 tal-proċess
[25] Xhieda ta' Charles Azzopardi 29.7.2004, f'paġ. 99 tal-proċess
[26] Art. 345(1) tal-Kap 234
[27] App. Ċiv. **5.10.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Azzopardi vs Cassar noe et*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.528**)
[28] Ara Kumm **16.5.1876** fil-kawża fl-ismijiet ***Tabone et vs Cassar*** (Kollez. Vol: **VII.577**)
[29] Kumm. **9.10.1956** fil-kawża fl-ismijiet ***Rear Adm. Jocelyn Stuart Cambridge Salter et vs Edward George Arrigo et noe*** (mhix pubblikata)
[30] App. Krim **23.4.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Brook Hawkins vs Scott noe et*** (Kollez. Vol: **XXXVI.iv.645**)

artikolu 345(2) tal-Kapitolu 234 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid li "*Biex tistabilixxi l-ammont jew it-tqassim ta' salvataġġ, il-qorti għandha tikkunsidra – (a) kemm ikun inkiseb suċċess, u l-isforzi u l-merti ta' min għamel is-salvataġġ, (b) il-periklu li jkun għadda minnu l-bastiment salvat, u l-passiġġieri, l-ekwipaġġ u l-merkanzija tiegħu, (ċ) il-periklu li jkun għadda minnu min jagħmel is-salvataġġ u l-bastiment tas-salvataġġ, (d) il-ħin li jittieħed, l-ispejjeż li jsiru u t-telf li jiġġarrab, u r-riskji ta' responsabbilta' u riskji oħra li jittieħdu minn min jagħmel is-salvataġġ, kif ukoll il-valur tal-proprjeta' li tkun ġiet issugrata, u konsiderazzjoni xierqa għandha tittieħed ta' l-approprjazzjoni speċjali (jekk ikun hemm) tal-bastiment ta' min jagħmel is-salvataġġ għall-finijiet ta' salvataġġ, u (e) il-valur tal-proprjeta' salvata*";

"Illi l-perit maħtur mill-Qorti ma tax l-istima tiegħu dwar kemm huwa l-kumpens mistħoqq minkejja li d-degriet tagħha tal-4 ta' April, 2005, kien speċifikatament ordna li l-ħatra tkun limitata għall-finijiet tat-tieni talba attriċi. Mill-provi li tressqu u wkoll mir-rapport tal-perit maħtur mill-Qorti u mis-*survey* magħmul mill-persuna mqabbda *ex parte* mill-imħarrek ftit ġimgħat wara li l-kajjikk ittella' l-art, joħroġ li l-valur tal-kajjikk fiż-żmien li għereq kien ta' ħdax-il elf sitt mija u ħamsin euro (€ 11,650). Il-ħsara li saritlu minħabba l-għarqa u sakemm ittella' l-art kienet tilħaq bejn sebat elef euro (€ 7,000) u tmint elef euro (€ 8,000)[31]. Dan ifisser li l-valur nett tal-kajjikk wara li ttella' l-art kien ta' madwar erbat elef u ħames mitt euro (€ 4,500);

"Illi wara li l-Qorti qieset iċ-ċirkostanzi kollha marbuta mal-każ fid-dawl tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi, fosthom it-tul tal-ħin li ħadet l-operazzjoni, ir-riskju li kienu miftuħin għalih l-atturi tul dik l-operazzjoni u l-fatt li, kieku ma kienx għaliex l-atturi twaqqfu milli jkomplu jaħdmu biex itellgħu l-kajjikk l-art hekk kif waslu Għajn Tuffieħa, l-operazzjoni kienet tħalli suċċess imqabbel mal-isforzi li saru biex isalvaw il-kajjikk, tasal għall-fehma li l-kumpens mistħoqq lill-atturi għas-salvataġġ huwa ta' elfejn euro (€ 2,000) biex jinqasam indaqs bejniethom;

"Illi l-imħarrek irid iħallas dik is-somma lill-atturi;

"Illi għalhekk kemm it-tieni u kif ukoll it-tielet talbiet attriċi sejrin jintlaqgħu u l-eċċezzjonijiet tal-imħarrek m'humiex sejrin jintlaqgħu;"

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab illi din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell, tirrevoka s-sentenza moghtija fis-7 ta' Lulju, 2011 mil-Prim' Awla tal-

[31] Paġ. 7 tal-atti tal-kawża 1003/97JRM

Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Charles Grech u Brian Galea v. Paul Azzopardi** (Citaz. Nru. 238/1997 JRM) u konsegwentement tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati.

Rat ir-risposta tal-atturi li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti ghandha tichad in toto l-appell tal-konvenut appellant, u tikkonferma s-sentenza appellata u dan bl-ispejjez taz-zewg istanzi u bl-imghax skont il-ligi.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi f'din il-kawza l-atturi qed jitolbu kumpens ghas-servigi minnhom rezi meta refghu minn qiegh il-bahar kajjik bl-isem ta' "Gay Ray", proprjeta` tal-konvenut.

Il-fatti tal-kaz u kif sehhew ic-cirkostanzi li wasslu ghall-kaz jinsabu ben delineati fis-sentenza tal-ewwel Qorti. L-aggravju principali tal-konvenut huwa marbut mal-fatt li, skont hu, l-atturi tellghu d-dghajsa mhux bhala salvatagg, izda bi hsieb li jzommuha ghalihom; barra minn hekk, skont il-ligi, l-Artikolu 332 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, (Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta) l-atturi kellhom javzaw bis-sejba lir-"*receiver of wreck*", li la darba dan ma ghamluhx, jitilfu kull dritt ghal salvatagg.

Dawn il-materji kienu gew sollevati quddiem l-ewwel Qorti u minnha michuda, tant li laqghet it-talbiet attrici u pprovdiet kumpens fis-somma ta' €2000.

Il-konvenut ressaq dan l-appell bl-istess aggravji fuq imsemmija, izda l-ilmenti huma bbazati l-aktar fuq l-analizi tal-fatti li ghamlet l-ewwel Qorti, u kif inhu maghruf, ic-caqliq mill-konkluzjonijiet li tkun waslet ghalihom l-ewwel Qorti difficli li jsir minn din il-Qorti ta' revizjoni, sakemm ma jirrizultax li jkun sar strapp ta' gustizzja.

In linea generali jista' jinghad li kull meta huwa l-kaz ta' dghajsa fil-periklu u lilha jinghata assistenza, ikun hemm lok ta' hlas ta' kumpens. Fil-ktieb ta' Chorley & Giles "Shipping Law" (pagna 433) jinghad illi s-sitwazzjoni giet hekk deskritta mill-Qrati Inglizi (kaz "Kennedy" 1985):

> "On the one hand, [the danger] must not be either fanciful or only vaguely possible or have passed by the time the service is rendered. On the other hand, it is not necessary that distress should be actual or immediate or that the danger should be immenent; it will be sufficient if, at the time at which assistance is rendered, the subject-matter has encountered any misfortune or likelihood of misfortune which might possibly expose it to loss or damage if the service were not rendered… [T]here must be such reasonable, present apprehension of danger that, in order to escape or avoid the danger, no reasonably prudent and skilful person in charge of the venture would refuse a salvor's help if it were offered to him upon the condition of his paying a salvage reward."

F'dan il-kaz, il-kajjik kien gralu sfortuna tant li instab mgharraq f'nofs bajja tal-Mellieha. Barra minn dan, tajjeb li jigi osservat li taht il-ligi

Maltija, l-Artikolu 343(1) tal-imsemmi Kap. 234, id-dritt li wiehed jitlob salvatagg jezisti wkoll fejn id-dghajsa tkun gherqet.

L-ewwel Qorti elenkat l-elementi ewlenin li jnisslu l-jedd ghall-hlas tas-salvatagg u din il-Qorti taqbel ma' dak li qalet l-ewwel Qorti. Taqbel ukoll maghha meta qalet li l-periklu mhux mehtieg li jkun wiehed assolut (ara, oltre l-gurisprudenza li kwotat l-ewwel Qorti, il-kaz "<u>The Charlotte</u>", deciz fl-Ingilterra fl-1848 fejn jinghad li "*it is not necessary, I conceive, that the distress should be immediate and absolute*"), u li jezisti periklu anke meta d-dghajsa tkun garrbet hsara akbar jew tgharrieq wara li tkun gherqet jew inkaljat.

Il-konvenut jghid li l-atturi riedu d-dghajsa ghalihom.

Jista' jkun li, meta raw d-dghajsa f'qiegh il-bahar ghaddielhom il-hsieb li jzommu l-kajjik f'idejhom, pero`, m'aggixxewx fuq dan il-hsieb u ma ddecidewx unilateralment li jzommu d-dghajsa. Huma marru jiehdu "parir" minghand il-Pulizija, li qallhom illi d-dghajsa ssir taghhom jekk sidha ma jinqalax. Exatt x-intqal mhux car. Pulizija qal li l-Ispettur tal-Pulizija qalilhom li jekk il-kajjik qieghed f'qiegh il-bahar "*ghandu dritt ta' xi haga*". L-atturi jaghtu verzjoni differenti ta' dak li qallhom il-Pulizija, izda l-fatt li inghatatilhom il-possibbilita` li d-dghajsa tkun taghhom, gieghelhom jithabtu biex isalvawha. B'dan il-"parir", wettqu l-att ta' salvatagg, izda dan ma jnaqqas xejn mill-element ta' volontarjeta` li jrid ikun prezenti biex tirnexxi talba ghall-kumpens. Ma kienet tezisti ebda

obbligazzjoni pre-ezistenti fuq l-atturi li jghinu fis-salvatagg tad-dghajsa, u dahlu ghall-impenn b'mod volontarju bil-hsieb li jew izommu d-dghajsa, jekk sidha ma jirriklemahiex, jew jitolbu hlas. Dan il-hsieb, ma jtellifilhomx id-dritt ghall-kumpens. Il-fatt li l-atturi ma rawx jew ma indikawx lill-Pulizija in-numru tal-kajjik mhux daqshekk rilevanti. Setghu riedu jahbu l-iskoperta, pero` jibqa' l-fatt li huma indahlu biex volontarjament isalvaw id-dghajsa.

Dwar il-fatt li ma sarx rapport lir-"*receiver of wreck*", skont il-ligi, dan mhux necessarju f'kaz li jkun hemm "*raguni xierqa*". Din hija materja li trid tigi determinata fid-diskrezzjoni tal-Qorti li qed tisma' l-kaz. F'dan il-kaz, l-ewwel Qorti sabet li kienet tezisti raguni ghal dan in-nuqqas. Meta l-atturi kienu qed itellghu d-dghajsa u waslu vicin l-art, sabu jistennewhom lill-konvenut u l-Pulizija. Il-konvenut mill-ewwel ha pussess tad-dghajsa, u ma nqalghax inkwiet peress li l-Pulizija bil-kelma t-tajba pperswada lill-atturi jirrilaxxjaw l-istess dghajsa u jitolbu kumpens. Din il-Qorti tara li, fic-cirkostanzi, l-ewwel Qorti ghamlet uzu ragjonevoli tad-diskrezzjoni imholli f'idejha, u taqbel mad-decizjoni taghha.

Fil-kuntest tas-somma likwidata bhala kumpens, interessanti d-decizjoni fil-kawza **Bacha v. Pezzagli et** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fit-30 ta' Gunju, 1870 fejn jinghad illi:-

"E di regola nei casi di bastimenti trovati per mare in istato di derelizione, od, abbandono, ricuperati e condotti in un porto di salvamento, che il compenso dovuto per legge per tali servizi non possa essere sempre ed uniformemente lo stesso per tutti i casi, ne, aggiudicato a rigore di esempi, ma si nel detto caso di bastimenti derelitti, come ogni altra specie di salvataggio, esso e' lasciato alla discrezione ed al prudente arbitrio del giudicante, regolato a seconda delle circostanze dei singoli casi, consistenti nel grado del pericolo della proprieta salvata, nel rischio e repentaglio delle vite, nell'abilita`, energie ed 'ingegno spiegati dai salvatori, nel lavoro durato, o nella lunghezza del servizio fino ad ottenere un successo completo o parziale."

Dawn il-kriterji llum jinsabu registrati fl-Artikolu 345(2) tal-imsemmi Kap. 234, u gew meqjusa u trattati mill-Qorti qabel ma llikwidat kumpens ta' €2000 biex jinqasam indaqs bejn l-atturi. Din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura fil-likwidazzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-konvenut Paul Azzopardi billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu mill-istess appellant Paul Azzopardi.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df